MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 121/2006

Paolo Bonnici Limited
vs
Salvinu u Antoinette konjugi Micallef

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Kevin Magri ghan-nom ta' Paolo Bonnici Limited li bih espona:

Illi bi skrittura ta' l-4 ta' Ottubru 2004 (Dok. A anness mar-rikors) Credit Application Form, is-socjeta` attrici kienet ikkoncediet kreditu lill-konvenuti ta' (60) sittin gurnata, b'limitu ta' (Lm10,000) ghaxart elef lira Maltija, bil-kundizzjoni, fost ohrajn li l-istess konvenuti kienu assumew ir-responsabbilta` personali ghall-hlas.

Illi kif kien jidher mill-iStatement immarkat Dok. B, il-konvenuti kellhom jaghtu lis-socjeta` rikorrenti s-somma

ta’ Lm17,803.57 bilanc minn somma akbar prezz ta’ merkanzija varja lilhom mibjugha u konsenjata.

Illi l-intimati kienu baqghu inadempjenti nonostante interpellazzjoni ufficjali tas-27 ta’ Ottubru 2005 (Dok C).

Illi l-ammont pretiz kien likwidu, cert u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-intimati ma kellhom l-ebda eccezzjoni x’jaghtu biex jikkontestaw it-talba ghall-hlas.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet li in vista tal-premess, din il-Qorti tikkundanna lill-intimati Salvinu u Antoinette konjugi Micallef ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ (Lm17,803.57,0) sbatax-il elf tmien mija u tliet liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu, bilanc minn somma akbar, prezz ta’ merkanzija varja, lilhom mibjugha u konsenjata, kif fuq intqal, u dan bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` attrici fit-termini ta’ l-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12.

Bl-ispejjez, bl-imghax legali mid-19 ta’ Ottubru 2005, sa liema data kellu jsir il-hlas, bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Ottubru 2005, tal-mandati kawtelatorji ta’ Qbid u Sekwestru prezentati kontestwalment, u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Ramon Rossignaud ghas-socjeta` rikorrenti pprezenta nota li biha rriduca l-ammont mitlub ghal Lm17103.57.

Xehed Salvu Micallef li qal li kien hallas Lm700 mill-ammont mitlub fir-rikors. Hu ammetta li ghandu jaghti l-bqija tal-ammont mitlub fir-rikors.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talba tar-rikorrenti tidher gustifikata u wara li rat l-art 167 et seq tal-Kap 12 il-Qorti qed tilqaghha u tikkundanna lill-intimati Salvinu u Antoinette konjugi Micallef ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma kif ridotta ta' (Lm17,103.57,0) sbatax-il elf mija u tliet liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu, bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija varja, lilhom mibjugha u konsenjata, bl-ispejjez, bl-imghax legali mid-19 ta' Ottubru 2005, sa liema data kellu jsir il-hlas, bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Ottubru 2005, tal-mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------